# 50 SENA MILL-KONSAGRAZZJONI TA' L-GĦAQDA MUŻIKALI L'ISLE ADAM LILL-QALB TA' ĠESU' U TA' MARIJA

KIEN it-12 ta' Frar 1950 meta s-Soċjetà Mużikali L'Isle Adam ġiet ikkonsagrata lill-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija. Dan l-avveniment kien u għadu mniżżel bħala wieħed importanti fl-istorja tas-Soċjetà sa mit-twaqqif tagħha fl-1860.

Il-Konsagrazzjoni saret mill-E.T. Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi. F'dik is-sena s-sede tas-Soċjetà kien Palazzo Castelletti (faċċata tal-Każin llum). Ta' kull sena s-Soċjetà kienet tfakkar dan l-avveniment billi kienet torganizza dik l-imsejħa l-Festa tal-Qalb ta' Ġesù fix-xahar ta' Ġunju. Jekk wieħed jasal wasla sal-Każin malli jitla' fuq jara żewġ gwarniċi tal-konsagrazzjoni. Hemm ukoll id-digriet tal-Konsagrazzjoni li qiegħed imwaħħal bejn dawn iż-żewġ gwarniċi.

F'Ġunju ta' l-1975 ġie ċċelebrat il-Ġublew tal-Fidda tal-Konsagrazzjoni. Kien ġie organizzat Programm sħiħ ta' Festi speċjali fosthom Programm Vokali u Strumentali flimkien ma' Quddiesa Solenni li dawn saru fil-Bitħa tal-Każin. Kien ġie ppublikat ktejjeb ta' l-okkażjoni. Bħala tifkira ta' dan l-avveniment kienet ġiet regalata Pittura verament sabiħa li turi lil Sidna Ġesù Kristu jħares lil Palazzo Xara. Din il-Pittura hija xogħol tas-Sur Karmenu Azzopardi li huwa wkoll membru fl-Għaqda Mużikali L'Isle Adam.

Bix-xieraq li din is-Sena jaħbat għeluq il-50 Sena ta' din il-ġrajja għandha tiġi mfakkra. Għal din l-okkażjoni sejra ssir Quddiesa Solenni bis-sehem tal-Banda fil-Bitħa tal-Każin. Din ser issir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ġunju, 2000.


Ronfleur

For all kinds of flowers

RABAT
59, St. Augustine Street.
Tel: 450489 Fax: 455602

MOSTA
5, K. Schembri Street.
Tel: 413260



*14 ta' Ġunju, 1975. Programm vokali u strumentali li kien ttella' fil-bitħa tal-Każin fl-okkażjoni tal-25 sena mill-Konsagrazzjoni ta' l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam lill-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija.*


# MALATA

**JOE THE VIKING**

**Pastizzerija**

*(Prop. J. Bugeja)*

*1, St. Paul Street,*

*Rabat.*

*Tel: 456347*